KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref. 45/194/04

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru. 45**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar il-Gimgha 13 ta' Awissu 2010. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Vici Sindku Borg, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsillier Borg Myatt u l-Kunsilliera Ebejer kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-Laqgha.

**1) Impjegat tal-Kunsill**

1.1 - Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Segretarju Kevin Borg infurmah li kien hemm xi diskrepanza fl-*overtime*. Hu qal li dan sar il-bierah l-ewwel permezz ta' telefonata fejn talbu biex jiltaqa' mieghu f' nofsinhar fejn allegalu li kien hemm xi diskrepanzi fl-*overtime* ta' l-impjegat Richard Sciberras.

1.2 - Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu ma kienx hemm bzonn li tissejjah laqgha urgenti izda hu taha ordni lis-Segretarju biex jibghat lid-Dipartiment.

1.3 - Is-Segretarju staqsa lis-Sindku jekk huwa kienx indaga jew ivverifika li vera hemm xi diskrepanzi, izda s-Sindku ma wegibx. Is-Segretarju qal li wiehed irid jivverifika sewwa qabel ma jiehu azzjoni. Is-Sindku gie mistoqsi mill-Kunsilliera min tah dan il-parir u hu qal li kemm l-avukat tal Kunsill Dr. Luciano Busuttil u anke l-President ta' l-AKL is-Sindku Michael Cohen.

1.4 – Il-Kunsillier Dalli qallu li l-Avukat Busuttil quddiem tlett kunsilliera ohra tah il-parir biex jaghmel il-mozzjoni ta' hawn taht, ghalhekk:

Il-Kunsillier Dalli stqarr li fuq parir ta' l-avukat tal-Kunsill ha jressaq din il-Mozzjoni urgenti:

'Wara li s-Segretarju gibed l-attenzjoni li kien hemm xi diskrepanzi fuq l-*overtime* ta' Richard Sciberras, jipproponi li s-Segretarju ghandu jhejji rapport dettaljat dwar il-kaz u li dan ghandu jersaq fl-ewwel laqgha tal-Kunsill biex jekk ikun il-kaz jittiehdu l-passi kollha mehtiega.

Kopja ta' din il-Mozzjoni ghandha tintbghat minnufuh lid-Dipartiment.'

Din il-mozzjoni giet approvata. Favur kienu l-Vici Sindku, il-Kunsilliera Dalli, Lynch u Seychell. Kontra kien is- Sindku. Astensjonijiet xejn.

1.5 - Is-Sindku qal li ser jghamel mozzjoni hu. Wara diskussjoni l-mozzjoni baqghet ma tressqitx.

1.6 - Is-Sindku qal li s-Segretarju suppost huwa responsabbli tal-haddiema tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li s-Segretarju nsista ghal-laqgha ghax qallu li jista' jaghti l-kas li l-Kunsillier Dalli qal lis-Sur Sciberras biex jaghmel xi xoghol fuq id-dekasteru tieghu. Is-Segretarju kkonferma li qal hekk bhala ezempju u propju ghalhekk ghandha ssir laqgha. Is-Sindku qal li l-ebda kunsillier ma jista' jordna ghax huwa responsabbli mill-haddiema u l-*overtime*. Is-Sindku kompla billi qal li s-segretarju gie rrabjat mal-*handyman* is-Sur Toni Gatt meta hu bhala Sindku hassar laqgha li kellha ssir dakinhar stess fl-4pm.

1.7 - Is-Sindku baqa jinsisti li f' dan il-kas ser jaghmel fattih u kemm il-Kunsilliera Dalli u Lynch avzaw lis-Sindku li jekk jaghmel hekk jista' jiffaccja konsegwenzi koroh.

**Aggornament**

Il-Kunsillier Dalli ppropona li minhabba affarijiet urgenti ohra ssir laqgha l-gimgha d-diehla. Is-Sindku qal li hu minhabba x-xoghol ma jistax. Il-Kunsillier Dalli qallu li hafna fabbriki jkunu bis-*Shutdown*. Is-Sindku wiegeb li la ghandu *shutdown* u lanqas *leave*.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-6.15pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha 25 ta' Awwissu fis 6.00pm.

Approvati Illum 26 ta Awwissu 2010

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku